# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 43

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa ta' waranofsinhar (5:00pm) nhar **l-Erbgħa 9 ta' Diċembru 2021**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Christopher Cassar – Vici Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi - Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**SKUŻATI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 43.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija

43.1.1 Is-Sindku John Boxall, talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' saħħa. Apoloġija approvata.

### 43.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

43.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 42 għall-approvazzjoni. Il-Viċi Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti, approvaw il-minuti unanimament.

### 43.3 Korrispondenza

43.3.1 Preżentata korrispondenza bir-risposti għall-mistoqsijiet Parlamentari 162 u 164 għall-attenzjoni tal-kunsilliera.

43.3.2 Preżentata ittra mibgħuta mis-Sindku lis-Sinjura Roseanne Camilleri mill-Health-Primary Health Care dwar il-Berġa tas-Saħħa fil-Birgu peress li tinsab magħluqa.

43.3.3 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Stephanie Degiorgio dwar l-attività mill-ESPLORA fix-xahar ta' Lulju 2022. Dwar din l-attività, is-Sindku se jiltaqgħa mas-Sinjura Degiorgio għal aktar informazzjoni.

43.3.4 Preżentata korrispondenza mit-Tribunal Industrijali dwar il-kwistjoni tax-xogħol bejn Colvin Duca u l-Kunsill Lokali tal-Birgu fejn il-kunsill qed jiġi infurmat li l-każ se jkun diferit għat-Tnejn 31 ta' Jannar 2022 fis-13:00.

43.3.5 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Christopher Deguara mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq fejn qed jinforma lill-kunsill li ġiet aċċetatta t-talba għal Triq Wenzu Attard, li ser tkun parti minn Triq il-Palazz l-Antik Gvernatur.

43.3.6 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-Ministru Ian Borg dwar l-istat li jinsab fih il-bandli tal-Birgu minħabba xogħlijiet li baqgħu ma sarux mill-ħaddiema tax-Xogħlijiet Pubbliċi u li minħabba f'hekk, il-Kunsill Lokali tal-Birgu qed jiġi kritikat għan-nuqqas ta' xogħol fuq il-bandli. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif minn dakinhar 'l hawn, saru diversi *site-visits* fuq il-post u x-xogħol se

jitkompla u mhux se jieqaf qabel jitlesta min-naħa tax-Xogħlijiet Pubbliċi. B'hekk wara jkun jista' jitkompla x-xogħol li jkun fadal min-naħa tal-kunsill.

43.3.7 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Maria Zammit mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bl-ittra uffiċjali tal-ħatra ta' Christian Raggio Vella bħala s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

43.3.8 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Neville Galea mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jinforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni taħt l-iskema ***SPI/SCI/2/2021*** Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Palying Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex, ma ġietx aċettata għar-raġuni: **Mhux eleġibbli għax l-iskala tal-proġett hija maġġuri minn dik prevista taħt din l-iskema**.

43.3.9 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis-Sur Robert Vella, CEO tal-Awtorità tal-Artijiet dwar il-pavimentar li sar fuq fil-Belvedere (is-Simenta) fi Triq La Vallette. Is-Sindku nforma lis-Sur Vella li x-xogħol ma sarx sew u meta twaħħlet mappa informattiva dwar il-Birgu, il-maduma li magħha kienet imwaħħla, inqala' u għaldaqstant din il-mappa kellha titneħħa temporanjament.

43.3.10 Preżentata komunikazzjoni mit-Tribunal Reġjonali Xlokk fejn qed tinforma lill-Kunsill Lokali tal-Birgu li żewġ imputati li kienu mħarrka talli ramew boroż tal-iskart fejn il-Bring-in sites f'Tal-Ħawli, ġew illiberati bir-raġuni li l-iskips kienu mimlija. B'referenza għal din il-komunikazzjoni, is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-email li ntbgħatet mis-Sindku nhar it-2 ta' Diċembru lill-Viċi Sindku u l-kunsilliera biex jekk huma jaqblu, dawn il-bring-in sites u sett ieħor li jinsabu fil-Fortini, jitneħħew b'mod immedjat sabiex jinqata' dan l-abbuż ta' skart illegali. Il-Viċi-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu unanimament. Il-Kunsilliera Anton Gellel qal ukoll li għandhom jitneħħew bi prova ta' xahar biex naraw x'konsegwenzi tista' ġġib din id-deċiżjoni.

43.3.11 Preżentata korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn qed tinforma lill-Kunsill Lokali tal-Birgu li l-applikazzjoni għall-fondi ta' aġġustament ġiet approvata u li dawn il-fondi se jgħaddu lill-kunsill fix-xahar ta' Diċembru.

**43.4 Attività tal-Milied**

43.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera bl-attivitajiet li kienu se jsiru fil-jumejn tal-Birgu by Christmas Lights u kif is-suq tal-artiġjanat tħassar minħabba restrizzjonijiet marbuta mal-pandemija. Il-Kunsillier Anton Gellel issuġġerixxa biex l-attivitajiet fuq barra jibdew u jispiċċaw aktar kmieni. Il-kunsilliera kollha qablu u għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv kellu jiċċekja jekk dan kienx possibli minħabba l-baned.

**42.5 Reception Benefatturi**

42.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-Sindku xtaq li ssir reception għall-benefatturi tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Barra minn hekk, tingħata wkoll tifkira lil dawk il-persuni li għamlu ġieħ fil-karriera jew dixxiplina sportiva rispettiva tagħhom. Id-data li kienet qed tiġi ssuġerita mis-Sindku kienet il-Ġimgħa 7 ta' Jannar 2022. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

**42.6 Proġett 'Tal-Ġlażiż'**

42.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-Sindku kellu komunikazzjoni li l-proġett tal-Glażiż ġie approvat u se jkun qed isir mill-Wasteserv, wara ħafna pressjoni biex dan il-proġett jinbeda.

42.6.2 B'referenza għal dan il-proġett, is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-Prim Ministru Dr Robert Abela sabiex jirringrazzjah għal dan il-proġett. Il-Prim Ministru wieġeb jirringrazzja lis-Sindku tal-ittra tiegħu.

**43.7 Proposta għall-bini tat-Torri tal-Arloġġ**

43.7.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Soċjetà Storika u Kulturali Vittoriosa dwar il-proposta tagħhom sabiex it-Torri tal-Arloġġ jinbena fil-Pjazza flok il-bini mitluq li kien l-ex Azzjoni Kattolika tal-Irġiel. Din il-korrispondenza ntbagħtet wara laqgħa li s-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom mal-istess soċjetà fix-xahar ta' Ottubru.

43.7.2 Il-kunsilliera preżenti esprimew il-ħsieb li l-idea hija ħafna aħjar milli kieku jinbena f'nofs il-Pjazza, biss f'din il-proposta jrid isir intervent mill-Gvern Ċentrali biex il-binja tinxtara sabiex ikun jista' jitwettaq dan il-proġett.

43.7.3 Dan il-punt kellu jitkompli jiġi diskuss f'laqgħa oħra fil-preżenza tas-Sindku.

**43.8 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

43.8.1 Ma kienx hemm ebda mistoqsijiet mill-kunsilliera jew komunikazzjoni mis-Sindku.

**43.9 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

43.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, għan-npm tas-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-**approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 34** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, **BOV 6189** sa **BOV 6196, HSBC9813** u ħlasijiet oħra li saru permezz ta' ***Bank Transfer***. Il-Kunsilliera preżenti approvawha b'mod unanimu.

43.9.2 Preżentat l-overtime tal-ħaddiema klerikali għax-xahar ta' Novembru. Il-kunsilliera preżenti approvawh unanimament

**43.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-sebgħa u nofs ta` filghaxija (7:30pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir il-Ħamis 13 ta` Jannar 2022 fil-ħamsa ta` filgħaxija (5:00pm).

Konfermati llum: **13 ta' Jannar 2022.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| | |
| John Boxall<br>Sindku | Christian Lawrence Raggio Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |